**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**MAĠISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 26 ta' April 2022**

**Avviż Numru 172/2019**

**Fl-Atti tal-Ittra Uffiċjali a tenur tal-Artikolu 466 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta fl-ismijiet:-**

**Reuben Bonnici (ID 448471M) għan-nom u in rappreżentanza tas-Soċjeta` Automated Revenue Management Services Limited (C-46054) f'isimha proprju u għan-nom tal-Enemalta p.l.c. u l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma**

**Vs**

**Emanuel sive Noel Zammit (ID 818956M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrent **Emanuel sive Noel Zammit** ippreżentat fit-12 ta' Awwissu 2019 fejn ippremetta u talab is-segwenti :

"

1. *Illi preliminarjament il-pretensjoni għall-ħlas dedotta mis-soċjeta Automated Revenue Management Services Limited huma preskritti ai termini tal-Artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili, Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta u dan stante illi fis-sena ... huwa biegħ u transferixxa l-fond bl-indirizz Blk A, Kordin Park, H/HOLD St, Triq N. Copericus, Mellieħa permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar ...., kif jidher mill-anness dokument li qiegħed jiġi mmarkat bħala Dok EM1.*

2. *Illi preliminarjament l-esponenti jeċepixxi n-nullita ta' l-ittra uffiċjali stante li d-dikjarazzjoni ma hijiex iffirmata minn*

*Reuben Bonnici u wisq anqas ma turi ebda prospett jew prova ċara rigward l-ammont reklamat*

3. *Illi bid-dovut rispett, is-soċjeta ARMS hija ben konoxxenti ta' dan tant li l-esponenti kemm il darba infurmaħhom li huma ma għadux is-sid tal-fond mertu ta' l-ittra uffiċjali tant li anke kopja ta' l-att għaddilhom.*

4. *Illi fil-mertu l-ebda somma m'hi dovuta lill-intimata kif mitlub*

5. *Illi mhux tassew li l-esponenti ġiet mitluba tħallas u jekk l-atturi qatt interpellaw lill-esponenti sabiex tħallas, dan huma m'għamluhx fl-indirizz tar-residenza tal-esponenti u għalhekk għal kull fini kemm dak legali kif ukoll dak prattiku l-esponenti qatt ma ġiet interpellata għajr permezz tal-ittra uffiċjali a tenur tal-Artikolu 466 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta li bdiet dawn il-proċeduri.*

6. *Salv eċċezzjonijiet oħra ulterjuri permissibli skond il-Liġi.*

7. *Bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta."*

Rat ir-risposta ta' **Reuben Bonnici *nomine*** ppreżentata fl-24 ta' Settembru 2019 li permezz tagħha eċċepixxa s-segwenti :
"

1. *Illi, is-Soċjeta' Automated Revenue Management Services Ltd pro et noe, hija kreditriċi tar-rikorrent fl-ammont kumplessiv ta' sitt elef, mija u wieħed u erbgħin Ewro u sitta u disgħin ċenteżmu (€6,141.96) rappreżentanti konsum ta' ilma u/jew kera ta' meter tal-ilma u/jew spejjeż amministrattivi u/jew connection u disconnection fees, flimkien ma imgħaxx dovut skont il-liġi, relatati mal-kontijiet tas-servizzi utili indikati fl-ittra uffiċjali bin-numru 2313/2019 u għalhekk l-ammont huwa dovut mir-rikorrent kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża.*

2. *Illi, l-kont bin-numru 101000010176 kien u għadu intestat f'isem ir-rikorrent u għalhekk għadha responsabbli għall-istess kont;*

3. *Illi, nonostante dak eċċepit mir-rikorrent fir-rigward tal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, l-esponent nomine umilment jirrileva li din għandha tiġi miċħuda stante li l-kont bin-numri*

*101000010176 indikat fl-ittra uffiċjali promotorja għadu attivi u per konsegwenza għandhom joħorġu l-kontijiet;*

4. *Illi, mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-ammont reklamat fl-ittra promotorja hu dovut, jekk mhu in toto, tal-anqas in parte, kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawża.*

5. *Illi, r-rikorrent qatt ma ppreżenta formula ta' trasferiment jew ta' tneħħija tas-servizzi in kwistjoni, skont il-proċeduri tal-ARMS Ltd u għalhekk baqa' responsabbli għall-imsemmi kont, inkluż kwalunkwe pendenzi akkont;*

6. *Illi, tenut kont tal-fatt li l-kont kien u għadu reġistrat f'isem ir-rikorrent, jinkombi fuqu sabiex jinforma lis-Soċjeta' esponenti b'kull tibdil li hu relatat mal-użu tal-kontijiet.*

*Għaldaqstant, b'riżerva għal kull prova oħra kif ikun meħtieġ li tinġieb bil-permess ta' din il-Qorti, s-Soċjeta' esponenti titlob li din l-istess Qorti sabiex tiċħad it-talba tar-rikorrent bħala mingħajr bażi fil-fatt u fid-dritt u tiddikjara l-ittra uffiċjali bin-numru 2313/2019 ppreżentata ai termini tal-Art. 466 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, hija reża eżekuttiva kontra r-rikorrenti."*

Semgħet x-xhieda;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semgħat it-trattazzjoni;

Rat illi r-rikors ġie mħolli għal-lum għal sentenza.

**Ikkunsidrat:**

Ir-rikorrent spjega li fl-2003 huwa u martu kienu biegħu appartament flimkien ma' kamra *ossia* store ġewwa Triq N. Copernicus, Mellieħa, liema appartament u kamra kellhom żewġ *meters* separati. Qabel ma ttrasferixxa l-imsemmija proprjeta` ir-rikorrent stqarr li ħallas il-pendenzi li kien hemm u fil-kuntratt ġie stipulat li kien se jsir it-trasferiment tas-servizzi li kienu jfornu lill-istess ambjenti. Sussegwentement għall-kuntratt ta' bejgħ, huwa kien mar il-Korporazzjoni Enemalta mal-akkwirent, u cioe` James Michael Sullivan, sabiex isir it-trasferiment.

Ir-rikorrent spjega kif fit-3 ta' Awwissu 2019 irċieva ittra uffiċjali mingħand l-ARMS fejn ġie mitlub iħallas is-somma ta' sitt elef, mija u wieħed u erbgħin ewro u sitta u disgħin ċenteżmu (€6,141.96) rappreżentanti, *inter alia*, konsum ta' dawl u ilma, kera tal-*meters*, spejjeż amministrattivi, *connection* u *disconnection fees* relatati mal-kont numru 101000010176, liema kont kien jirrigwarda l-kamra *ossia store* fuq imsemmija. Jispjega wkoll illi wara xi sitt snin mill-imsemmi trasferiment huwa beda jirċievi kontijiet tas-servizzi abbinati mal-istess kamra/*store*. Għalhekk huwa kien imur jimpustahom fil-*letterbox* tal-appartament li kien biegħ lil James Michael Sullivan. Jispjega wkoll li wara xi żmien kien mar l-ARMS biex jivverifika x'kien qed jiġri u huma talbuh kopja tal-kuntratt ta' bejgħ.

Reuben Bonnici spjega illi t-trasferiment tal-*meter* tal-fond Flat 20A, Kortin Parks Apartments, Triq N. Copernicus, Mellieħa sar fit-18 t'Awwissu 2004. Huwa spjega li fil-*fajl* tal-ARMS hemm formula ta' trasferiment tal-*meter* fir-rigward tal-imsemmi fond li kellu abbinat miegħu numru tal-kont 972466970 iżda mhux fir-rigward tal-fond mertu ta' din il-kawża li għandu abbinat miegħu in-numru tal-kont 101000010176.

**Ikkunsidrat :**

Illi ai termini tal-Artikolu 72 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 545.01 dwar il-Provvista ta' l-Elettriku: *"Ebda konsumatur ma jeħles mill-obbligu tal-ħlasijiet tal-ħlas tal-meter jew tal-konsum f'lok imgħammar minnu kemm-il darba u sakemm ma jagħtix avviż bil-miktub liċ-Chairman fejn ifissirlu li ma bi ħsiebux jibqa' juża l-kurrent elettriku minn dik id-data li tingħata minnu, u kemm-il darba u sakemm ma jkunx ħallas kull somma ta' flus li l-konsumatur ikollu jagħti taħt dawn ir-regolamenti:*

*Iżda l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni jista', mid-data stabbilita f'dak l-avviż, iwaqqaf il-provvista tal-elettriku u jneħħi l-meter."*

Illi mill-provi prodotti jirriżulta illi fl-2003 r-rikorrent biegħ l-utile dominju temporanju ta' appartament u kamra lil ċertu James Michael Sullivan.[1] Jirriżulta li l-appartament u l-kamra kellhom *meters* tas-servizzi separati. Għalkemm ir-rikorrent jgħid li huwa kien mar mal-imsemmi Sullivan sabiex isir it-trasferiment tal-*meters* rispettivi jirriżulta li kienet ġiet sottomessa biss applikazzjoni relattiva għall-

[1] Dokument A a fol. 28

kont numru 972466970 relattiva għall-*meter* tal-appartament.[2] Illi r-rikorrent esebixxa wkoll riċevuti li kien ħallas xi pendenzi qabel sar il-kuntratt fl-2003 relattivi għall-istess appartament u mhux fir-rigward tal-kont numru 101000010176 abbinat mal-kamra *ossia* store.

Illi din il-Qorti hija propensa li tagħti affidibilita` lill-verżjoni tal-intimat *nomine* stante illi r-rikorrent stqarr li wara xi żmien beda jirċievi l-kontijiet u kien imur jimpustahom lil Sullivan. Din il-Qorti ma ssib ebda spjegazzjoni kif jekk ir-rikorrent kien konvint li sar it-trasferiment tal-istess kont huwa ma ħax azzjoni tempestiva u indaga kif il-kontijiet kienu qed jiġu f'ismu. Lanqas ma r-rikorrent ipproduċa pereżempju lill-imsemmi Sullivan biex jikkonferma dak li sar meta marru flimkien biex jagħmlu t-trasferiment.

Illi għalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti r-rikorrent naqas li jikkonvinċi lil din il-Qorti sal-grad li trid il-liġi li huwa fil-fatt kien issottometta l-applikazzjoni għat-trasferiment tal-kont in kwistjoni. Dan jista' sar bi żvista da parti tiegħu, pero` jekk hu hekk il-Qorti tinnota li lanqas ħa xi azzjoni tempestiva meta beda jirċievi l-kontijiet, u llimita ruħu biex imur jimpustahom fil-*letterbox* ta' Sullivan.

Illi għalhekk il-Qorti hija tal-fehma illi r-rikorrent għadu l-persuna responsabbli għall-kont numru 101000010176.

Illi l-Qorti għalhekk sejra teżamina jekk l-ammont mitlub, jew xi parti minnu, huwiex preskritt ai termini tal-artikolu 2156 (f) tal-Kodiċi Ċivili. Illi mill-provi prodotti jirriżulta illi r-rikorrent ġie notifikat bl-ittra uffiċjali Numru 2313/19 fit-3 ta' Awwissu 2019. Illi ai termini tal-artikolu 2156 (f) tal-Kodiċi Ċivili l-azzjonijiet għall-ħlas ta' krediti bħal dawk odjerni jaqgħu bl-għeluq ta' ħames (5) snin. Illi mir-rendikont esebit minn Reuben Bonniċi il-krediti pretiżi jmorru lura ċertament sa mill-inqas l-2007. Illi għalhekk jidher li ċertament hemm ammont li huwa preskritt.

Il-Qorti tqis illi r-rikorrent ta effett lill-preskrizzjoni minnu eċċepita kif ravviżat fl-artikolu 2160 tal-Kodiċi Ċivili stante li fl-affidavit tiegħu stqarr is-segwenti *"Jien niddikjara li ebda ammont ma huwa dovut lil ARMS kif qiegħed jingħad...."*.

Kwindi mill-ammont reklamat irid jiġi mnaqqas kwalunkwe ammont li kien dovut sat-23 ta' Lulju 2014.

[2] Dokument RB5 a fol. 61

Illi r-rikorrent ressaq ukoll lanjanza fir-rigward tar-ritwalita` tal-ittra uffiċjali in kwistjoni. Huwa jsostni li l-istess ittra hija nulla għaliex mhix iffirmata minn Reuben Bonnici u wisq inqas ma turi prospett jew prova ċara tal-ammont reklamat. Illi artikolu 466 (1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta jistipula s-segwenti:-

*"466 (1)Meta kap ta' dipartiment tal-gvern jew il-persuna vestita bir-rappreżentanza legali ta' korp magħqud stabbilit bil-liġi jew b'rappreżentanza legali ta' xi kumpannija jew korp ieħor li jkun hekk awtorizzat, bi jew taħt kull liġi, sabiex jiġbor kull ammont dovut lil dipartiment tal-gvern jew lil korp magħqud stabbilit bil-liġi, ikun irid jaġixxi sabiex jinġabar lura dejn dovut lil dipartiment tal-gvern jew lil xi uffiċċju amministrattiv tiegħu jew lil korp magħqud stabbilit bil-liġi, dwar kull servizz, provvista, penali, kera, ċens, piżijiet oħra fuq beni, kumpens għall-okkupazzjoni u jew għal dritt ta' xi liċenza jew dritt jew taxxa oħra dovuti, huwa jista' jagħmel dikjarazzjoni tiegħu maħlufa quddiem ir-reġistratur, imħallef jew maġistrat li fiha huwa għandu jiddikjara xi tkun ix-xorta tad-debitu u l-isem tad-debitur u jikkonferma li dak id-debitu jkun dovut:*

*Iżda d-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom ukoll japplikaw fir-rigward ta' ammonti dovuti għall-provdiment ta' ilma u elettriku u għall-kiri ta' meters relatati iżda ma għandhomx japplikaw meta qabel ma tingħata n-notifika meħtieġa taħt is-subartikolu (2), il-persuna li mingħandha l-ammont qed jiġi mitlub tkun avżat lir-rikorrent sew permezz ta' att ġudizzjarju jew permezz ta' ittra reġistrata li qiegħda tikkontesta l-metering, il-kalkolu jew l-ammont dovut fir-rigward ta' dak il-provdiment jew il-kiri ta' dak il-meter."*

Illi flimkien mal-affidavit tiegħu r-rikorrent ippreżenta vera kopja tal-ittra uffiċjali in kwistjoni u wkoll vera kopja tan-notifika tal-istess ittra. Illi pero` ma ppreżenta ebda dikjarazzjoni ġuramentata kif mitlub li ssir ai termini tal-artikolu 466 (1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Illi jekk ir-rikorrent ried jipprova dak allegat minnu, u ċioe` li l-ittra uffiċjali in kwistjoni kienet akkumpanjata minn dikjarazzjoni mhux iffirmata minn Rueben Bonnici, allura dak li ried jagħmel huwa li jressaq l-aħjar prova, u ċioe` jipproduċi lir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali sabiex jikkonferma illi l-istess ittra ma kinitx akkumpanjata minn dikjarazzjoni ffirmata. Madanakollu dan ma sarx u kwindi fil-fehma tal-Qorti hemm nieqsa prova essenzjali li kienet tinkombi fuq ir-rikorrent.

Illi fl-aħħarnett il-Qorti tinnota li fir-rikors tiegħu ir-rikorrent ma ressaq l-ebda talba formali iżda ressaq biss lanjanzi li permezz

tagħhom oppona għat-talba tal-intimat *nomine.* Madanakollu il-Qorti xorta se tiddikjara li l-kreditu pretiż huwa parzjalment preskritt filwaqt li tiċħad il-lanjanzi rimanenti.

**DECIDE**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad il-lanjanzi tar-rikorrent ħlief għal-lanjanza dwar dak l-ammont li jippreċedi t-23 ta' Lulju 2014, liema ammont qiegħed jiġi deċiż li hu preskritt ai termini tal-artikolu 2156 (f) tal-Kodiċi Ċivili, u għaldaqstant tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-intimat *nomine* safejn dawn mhux inkompatibbli ma' dak deċiż hawn fuq.

Għaldaqstant il-Qorti tiddikjara l-ittra uffiċjali numru 2313/19 bħala waħda eżekuttiva ħlief għall-ammont dovut qabel it-23 ta' Lulju 2014.

Bl-ispejjeż in kwantu għal żewġ terzi għar-rikorrent u terz għall-intimat *nomine.*

**Dr. Charmaine Galea**
**Maġistrat**

**Diane Gatt**
**Deputat Reġistratur**